MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1836/1998/1

**Carmel sive Charles Mercieca**

**v.**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c., gia` Simonds Farsons Cisk Ltd**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Fit-30 ta’ April 1996, is-socjeta` konvenuta Simonds Farsons Cisk plc. impjegat bhala group accountant lill-attur Charles Mercieca ghall-perjodu definit ta’ tlett snin, jigifieri bejn l-1 ta’ Mejju 1996, sat-30 ta’ April, 1999. Kopja

ta’ dan il-kuntratt ta’ impjieg qeghda ezebita bhala Dok CM1 a fol. 4 tal-process.

2. Fit-18 ta’ Settembru 1998, l-attur intavola citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. F’din ic-citazzjoni l-attur bazikament talab li jigi deciz li l-istess kuntratt ghax-xoghol gie terminat mis-socjeta` konvenuta bla raguni gusta u sufficjenti u li konsegwentement talab li din is-socjeta` tkun ikkundannata thallsu nofs is-salarju shih li kien ikun intitolat jikseb minghand il-principal li kieku huwa baqa' fl-impjieg ghall-bqija taz-zmien tal-kuntratt, kollox kif provdut Art. 34(11) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Min-naha taghha, s-socjeta` konvenuta, permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet datata 2 ta’ Marzu 1999, ecceppiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hija kellha raguni tajba u gustifikabbli biex tittermina l-impjieg tal-attur.

4. Fit-30 ta’ Gunju 2004, l-ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha. Biha, cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur, izda ghamlet riserva li l-attur jithallas l-ammont ta’ Lm1,734.90c bhala l-import ta’ zewg cheques mibghuta mis-socjeta` konvenuta lilu u li hu kien baqa’ ma sarrafx, peress li ma riedx jaccetta dan il-pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu. Kopja shiha tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti sejra tigi riprodotta hawn billi fiha t-talbiet dettaljati kollha ta' l-attur, l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll sunt essenzjalment korrett tal-provi li gew ipprezentati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, flimkien mal-motivazzjonijiet u l-konkluzjonijiet milhuqa minn dik l-istess Qorti:

**“Il-Qorti.**

**"Preliminari**

"Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess li s-socjeta` Simonds Farsons Cisk Ltd – illum Simonds Farsons Cisk p.l.c. – impjegat lill-attur bhala group accountant ghal zmien definit ta’ tliet snin bejn l-1 ta’ Mejju

1996, sat-30 ta’ April 1999, skond kuntratt tax-xoghol tat-30 ta’ April, 1996 (Dok. CM 1);

"Peress illi fit-30 ta’ Settembru, 1997 l-istess kumpanija tterminat l-impieg ta' l-attur minghajr raguni tajba u sufficjenti – kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"Peress illi bhala effett tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attur da parti tal-principal tieghu qabel id-data ta' l-gheluq specifikata fil-kuntratt, l-attur ghandu dritt ghall-hlas ta’ nofs is-salarju shih li kien ikun intitolat jippercepixxi minghand il-principal li kieku baqa’ fl-impieg ghall-bqija taz-zmien tal-kuntratt – dan a tenur tal-Art. 34 (11) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta’ Malta;

"Peress lli l-entita` tas-salarju shih ta' l-attur hija stabbilita fl-Appendix B li taghmel parti mill-kuntratt tax-xoghol Dok.CM 1;

"Peress illi s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti meta giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ l-ammont spettanti lill-attur skond il-ligi;

"Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xoghol ta' l-attur mis-socjeta` konvenuta bhala principal tieghu jaghti dritt lill-attur ghall-hlas tan-nofs is-salarju shih li kien ikun intitolat jippercepixxi minghand il-principal li kieku baqa’ fl-impieg ghall-bqija taz-zmien tal-kuntratt kif provdut Art. 34 (11) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta’ Malta;

"2. Tillikwida nofs is-salarju shih spettanti lill-attur skond ma jirrizulta mill-kuntratt tax-xoghol tieghu occorrendo bl-opra ta’ peritt nominandi;

"3. Tikkundannaha thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat u dikjarat bhala dovut lilu.

"Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

"Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol. 15 tal-process fejn eccepiet:**

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi d-ditta esponenti kellha raguni tajba u gustifikabbli biex tittermina l-impieg ta' l-attur kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` konvenuta a fol. 14 tal-process.

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**"FATTI**

"Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala Group Accountant permezz ta' kuntratt definit (a fol. 6 et seq. tal-process) ghall-perijodu ta' tlett snin bejn l-1 ta' Mejju, 1996 sat-30 ta' April, 1999. Precedentement huwa kien impjegat mas-socjeta` konvenuta permezz ta' kuntratt indefinit. L-impjieg ta' l-attur gie terminat mis-socjeta` konvenuta fit-30 ta' Settembru, 1997.

**"KONTESTAZZJONI**

"L-attur jirrijtjeni li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-kuntratt ta' xoghol definit da parti tas-socjeta` konvenuta ma sarx ghal raguni tajba u sufficjenti kif kien jirrikjedi l-Artikolu 34(14) tal-Kap. 135 (illum Artikolu 36(14) tal-Att XXII tal-2002), u ghalhekk ghandu jigi applikat dak li jipprovdi l-Artikolu 36(11) ta' l-imsemmi Att (qabel Artikolu 34(11) tal-Kap. 135) fis-sens li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallsu nofs is-salarju shih li kien ikun

intitolat jippercepixxi li kieku baqa’ fl-impjieg ghall-bqija taz-zmien tal-kuntratt.

"Is-socjeta` konvenuta min-naha l-ohra tirribatti li l-impjieg ta’ l-attur gie terminat minnha ghal raguni valida u sufficjenti skond il-ligi u li ghalhekk ma huwa dovut xejn lill-attur.

**"KONSIDERAZZJONIJIET**

"Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta ssostni li l-attur kellu rimedju iehor minn dak li ghazel li jiehu permezz ta’ dawn il-proceduri u cioe` dak li jirrikorri quddiem it-Tribunal Industrijali u jitlob re-instatement fl-impjieg li gie terminat. Din is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta hija infondata stante li skond l-Att XXI tal-2002 it-Tribunal Industrijali ghandu kompetenza biss sabiex jiddeciedi dwar re-instatements biss f’kazijiet fejn itterminazzjoni ta' l-impjieg tkun tirrigwarda kuntratt ta’ xoghol ghal zmien indefinit u mhux kuntratt ta’ xoghol ghal zmien definit bhal ma huwa il-kuntratt ta’ xoghol li kellu l-attur mas-socjeta` konvenuta.

"“Darba jirrizulta kuntratt ta’ impjieg definit, u li bhala fatt, l-impjieg tal-attur gie terminat qabel iz-zmien miftiehem, il-hlasijiet li tikkontempla l-ligi industrijali jridu jsiru u dan sakemm l-employer ma jippruvax li kellu ragunijiet validi biex itemm l-impjieg ta’ dak l-impjegat; l-oneru tal-prova ta’ kawza gusta ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg hi, ghalhekk, mixhuta fuq min ihaddem” . (Ara sentenza tal-4 ta’ Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijet ‘Simon Aquilina vs Avantech Limited” (Citazzjoni Numru 121/2002).

"L-istess principju gie enuncjat f’sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-5 ta’ Gunju, 1951 fil-kawza fl-ismijiet ‘Spizjar George Mallia vs Joseph Azzopardi et’ hekk kif citata f’sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta’ April 2003 fil-kawza fl-ismijet ‘John Fauzza vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici’ fejn intqall li “huwa pacifiku illi ‘r-raguni ghal licenzjament qabel iz-zmien trid tigi pruvata mill-padrun li jallegaha”. Li jfisser li wiehed irid jezamina jekk l-addebiti promossi kontra l-attur jirrizultawx u jekk gewx

fuq kollox pruvati. Sussegwentement, jekk l-ezitu jkun fl-affermattiv, il-piena tat-tkeccija kienitx kommensurata ma' l-att jew atti attribwibbli lilu, dejjem tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz”.

"Mid-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` konvenuta jirrizulta li l-impjieg ta' l-attur gie terminat mill-istess socjeta` konvenuta ghaliex hija tilfet kull fiducja fl-attur li kellu pozizzjoni ta' responsabilita` fi hdan il-kumpanija u certu nuqqasijiet tieghu fuq perijodu ta' zmien ma hallewlha ebda triq hlief li titterminalu l-impjieg.

"Minn analizi akkurata tal-provi prodotti mis-socjeta` konvenuta jirrizulta li hija qed tibbaza l-allegazzjoni taghha fuq is-segwenti punti:-

"1. L-attur kien jokkupa kariga gholja li kienet necessarjament ibbazata fuq il-fiducja u din il-fiducja fl-attur da parti tas-socjeta` konvenuta xxelfet sakemm initlfet kompletament.

"2. L-attur kien qed jonqos serjament milli jaqdi d-doveri tieghu u milli jaghmel xoghlu u l-financial controller Ivan Faure kien gibidlu l-attenzjoni dwar dan il-fatt f'diversi okkazzjonijiet b'mod verbali.

"3. L-attur kien qed jonqos fid-doveri tieghu ta' supervizjoni u ko-ordinazzjoni tan-nies. Huwa ma kienx qieghed ikun kapaci jirrelata man-nies klerikali ta' tahtu u ghalhekk ix-xoghol ma kienx qed isir tajjeb. Inoltre l-attur kien qieghed isibha difficli jikkomunka u jikkolabora b'mod effettiv ma' managers ohra meta xoghlu kien proprju dak li jikkordina x-xoghol sabiex isiru l-Consolidated Accounts tal-Farsons Group.

"4. Minhabba dan l-atteggjament da parti ta' l-attur, Ivan Faure' li kien il-Group Financial Controller, kellu jitghabba b'aktar xoghol.

"Jibda biex jinghad li in kwantu jirrigarda l-ewwel punt appena citat l-attur gustament jissottometti fin-nota risponsiva tieghu li s-socjeta` konvenuta ma setghetx

tittermina l-kuntratt ta’ impjieg tieghu ghal zmien definit esklussivament ghaliex tilfet il-fiducja fih. Effettivament is-sub inciz 14(b) ta' l-Artikolu 36 tal-Att XXII tal-2002 jipprovdi s-segwenti:-

"“Izda principal ma jistax igib bhala raguni tajba u bizzejjed-

"(b) hlief fil-kaz ta’ impjegat domestiku privat, ili l-impjegat ma jgawdix izjed il-fiducja tal-principal.”

"Ghalkemm huwa minnu li s-socjeta` konvenuta accennat din ir-raguni fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa man-Nota tal-Eccezzjonijiet minnha prezentata, fl-istess Nota tal-Eccezzjonijiet hija qalet li l-impjieg ta' l-attur kien gie terminat minnha ghal raguni tajba u sufficjenti fil-ligi. Kif diga` spjegat aktar ‘l fuq minn analizi tal-provi minnha prodotti jirrizulta li fil-fatt kien hemm diversi ragunijiet li wasslu lis-socjeta` konvenuta sabiex tittermina l-impjieg ta’ l-attur. Dawn ir-ragunijiet diga` gew elenkati aktar'il fuq u ghalkemm huma relatati mal-kwistjoni tal-fiducja jistghu wkoll jitqiesu bhala ragunijiet separati u distinti u jekk jirrizultaw, huma jistghu jkunu ragunijiet tajbin u sufficjenti ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

"Ghalhekk issa jrid jigi determinat jekk is-socjeta` konvenuta effettivament irnexxilhiex tipprova dak minnha allegat. Minn ezami akkurat tal-provi prodotti mis-socjeta` konvenuta jidher li l-problema principali kienet ir-relazzjoni pjuttost hazina bejn l-attur u Ivan Faure’. Dan ta’ l-ahhar kien gie appuntat Group Financial Controller tas-socjeta` konvenuta madwar sena qabel ma gie terminat l-impjieg ta’ l-attur. Meta l-attur gie impjegat permezz ta’ kuntratt definit, wara li kien ilu impjegat ghal diversi snin that kuntratt ta’ impjieg indefinit, huwa nghata kundizzjonijiet ahjar izda zdiedulu wkoll ir-responsabilitajiet fis-sens li huwa issa kien l-assistent tal-Group Financial Controller u kellu ghalhekk jassumi certu responsabilitajiet ta’ management li qabel ma kellux. Mix-xhieda ta’ Ivan Faure’ jirrizulta li l-attur kien qed jonqos milli jaghmel xoghlu u milli jaqdi d-doveri tieghu u kien qed ikollu problemi sabiex jikkordina mal-Mangers tad-diversi business units fi hdan

il-kumpanija bil-konsegwenza li dawn ta’ l-ahhar kienu qed immorru direttament ghand il-Group Financial Controller sabiex isir ix-xoghol ta’ ko-ordinazzjoni.

"L-attur jirribatti ghal din l-allegazzjoni billi jghid li huwa qatt ma nghata ‘job description’ u ghalhekk ma kienx jaf ezattament x’kellu jaghmel u inoltre kien qed ihossu izolat u mwarrab minn Ivan Faure’ ghaliex ma kienx qed jigi involut f’dak li kien qed jigri fid-dipartiment.

"Jidher li l-problema bejn l-attur u Ivan Faure’ eskalat meta l-attur talab lill-kumpanija sabiex tissussidjah fl-istudji tieghu ghall-MBA u din it-talba giet rifjutata. L-attur iwahhal f’Ivan Faure’ u jsostni li t-talba tieghu giet rifjutata ghaliex Faure’ kie qed ihossu mhedded minnu.

"Din il-Qorti difficilment tasal biex taccetta li l-attur ma kienx jaf x’kellu jaghmel ghaliex ma nghatax ‘job description’ meta gie ffirmat il-kuntratt ta’ impjieg definit. Meta wiehed jikkunsidra li l-attur kien ilu impjegat fid-dipartiment koncernat fi hdan is-socjeta` konvenuta ghal numru konsiderevoli ta’ snin u meta wiehed iqis li skond ma jghid huwa stess, hu kien kopra diversi responsabilitajiet fi hdan id-dipartiment fl-ahhar sena qabel ma l-kuntratt ta' l-impjieg tieghu gie konvertit ghal wiehed definit u dan minhabba li telqu diversi nies mid-dipartiment, wiehed isibha difficili jifhem kif huwa ma kienx jaf x’ghandu jaghmel u x’kienu r-responsabilitajiet tieghu.

"Inoltre jekk wiehed jezamina x-xhieda ta’ John Muscat prodott mill-istess attur fis-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2003 dan ikkonferma li l-“job description” lilu moghtija mis-socjeta` konvenuta kienet vasta u letteralment tkopri kollox. (Ara wkoll ix-xhieda ta’ Arthur Muscat). Dan ix-xhud li kien jokkupa l-kariga ta’ Accounts Manager fid-dipartiment fejn kien jahdem l-attur jispjega li dan kien isir intenzjonalment sabiex il-kumpanija tirriserva d-dritt li tassenjalek id-doveri li jidrilha izda jghid ukoll li kulhadd kellu l-area tieghu u li fuq bazi ta’ kuljum kulhadd kien jaf x’kellu jaghmel.

"Il-Qorti jidrilha li l-attur ma kienx qed jaghmel xoghlu mhux ghaliex ma kienx cert x'kienet il-'job description' tieghu jew ghaliex kien qed jigi izolat u mwarrab izda ghaliex ried johloq diffikultajiet fir-relazzjoni tieghu ma' Ivan Faure' li kien is-superjur dirett tieghu. Huwa kien qed jonqos mid-dover principali tieghu u cioe` dak li jikkordina ma' Ivan Faure' meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' assistent ta' l-istess Faure'. Dan jirrizulta kjarament mill-affidavit estensiv ta' l-attur li jikkonsisti principalment f'attakk personali u kontinwu fil-konfront tal-Group Financial Controller.

"Il-Qorti jidrilha li l-attitudni mehuda mill-attur fil-konfronti tas-superjur dirett tieghu u anki ma' Managers ohrajn li suppost kellhom jikkordinaw ma l-attur ma kienitx konducenti ghal 'good working relations' fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kient gustifikata li tittermina l-impjieg ta' l-attur.

"F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak enuncjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza gja` citata Simon Aquilina vs Avantech Limited' fejn intqal is-segwenti:-

"“Huwa principju ta' relazzjonijiet industrijali li persuna li tokkupa 'managerial post' trid ikollha mhux biss esperjenza u kwalifiki mehtiega, imma trid tkun taf tmur mas-superjuri taghha u mal-haddiema li jkunu tahtha. Sid ghandu aktar diskrezzjoni meta jigi biex jittermina l-impjieg ta' manager milli haddiem, nghiduha hekk, fuq il-linja n-nuqqas ta' dan ta' l-ahhar mhux dejjem jista' jkun krucjali ghal employer u l-karattru tieghu lanqas ma, generalment, ikun importanti, ghax ftit li xejn jkollu kuntatt mad-dirigenti l-importanti li jmur tajjeb mal-haddiema shabu u jaghmel il-parti tieghu bil-galbu. Manager, min-naha l-ohra ghandu rwol importanti f'ufficcju jew fabbrika. Hu jrid juri 'a good attitude' mal-haddiema ta' tahtu sabiex dawn ma jgorrux hafna fuq ix-xoghol u jrid ukoll ikollu realzzjoni tajba mad-dirigenti tal-kumpanija u jrid jirbah il-fiducja taghhom, billi juri li jaf imexxi, ghandu 'good managerial skills', u kapaci jottjeni r-rizultati li huma jkunu qed jistennew minghandu”.

"Fil-kaz odjern l-attur naqas manifestament milli jottjeni dak mistenni minnu. Is-superjuri tieghu kienu qed jistennew li huwa jikkordina u jikkollabora ma' Ivan Faure' bhala l-assistant dirett tieghu izda huwa naqas milli jaghmel dan u gab l-iskuza li dan ta' l-ahhar ma kienx tah " job description" u kien qed iwarrbu u jiizolah. L-attitudni negattiva ta' l-attur tirrizulta anki mill-kontenut ta' l-email minnu mibghuta lil Arthur Muscat il-Group Human Resources Manager (ezebita a fol. 38) fejn huwa juza ton dispregjattiv u sarkastiku fil-konfront tal-kumpanija li kienet qed timpjegah u fil-fatt sussegwentement huwa hass li kellu jiskuza ruhu ghal kontenut ta' din l-email (ara ittra ta' l-attur ezebita a fol. 41).

**"DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur. B'rizerva li l-attur jithallas l-ammont ta' elf seba' mija erbgha u tletin lira Maltin u disghin centezmi (Lm1,734.90) li kien l-import ta' zewg cheques mibghuta mis-socjeta` konvenuta lill-attur u li baqghu ma ssarfux minnu ghaliex huwa ma riedx jaccetta dan il-pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu."

**II. L-APPELL**

5. L-attur hassu aggravat minn din is-sentenza u fid-19 ta' Lulju 2004, appella minnha quddiem din il-Qorti. F'dan l-appell huwa jressaq zewg aggravji u, ghar-ragunijiet imfissra fl-istess appell, talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tilqa' dan l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tilqa' l-ewwel talba tieghu u tirrimetti l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti sabiex tghaddi ghat-trattazzjoni u decizjoni dwar it-tieni u t-tielet talbiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

6. Fid-9 ta' Awissu 2004 is-socjeta` konvenuta Simonds Farsons Cisk plc. irrispondiet dettaljatament ghall-aggravji kontenuti fl-appell ta' l-attur appellant u tat ir-ragunijiet taghha biex issahhah is-sottomissjoni taghha li dik is-sentenza hija gusta, u ghalhekk talbet li s-sentenza appellata tigi kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. L-attur appellant beda jahdem bhala *Financial Accountant* mal-kumpanija konvenuta Simonds Farsons Cisk fis-7 ta' Lulju 1988. Permezz ta' dan l-impieg, b'kuntratt indefinit, l-attur kellu l-grad ta' *Assistant Manager* (*vide* affidavit Charles Mercieca, fol. 101). Jidher li fil-15 ta' Jannar 1993, l-istess attur appellant, kien ha *promotion* ghall-grad ta' *Manager*, u dan minkejja li xorta baqa' jokkupa l-kariga li kellu qabel, dik ta' *Financial Accountant*. Fl-affidavit tieghu a fol. 103 l-appellant jghid li fil-perjodu ta' bejn l-1995 u l-1996, is-socjeta` konvenuta kienet impjegat tlett *accountants* b'paga u kondizzjonijiet ahjar minn tieghu. Dwar dan il-fatt kien ilmenta mal-*Managing Director* tal-Kumpanija peress li huwa xtaq jibqa' fl-istess impjieg tieghu izda, fi kliemu stess: *"nithallas daqs haddiehor ghax kont ikkwalifikat daqshom u ftit aktar minnhom ukoll, bhala rikonoxximent tat-tmien snin servizz li diga kont tajt lill-Kumpanija"*. Fil-fatt, wara diversi negozjati bejn il-partijiet, l-attur gie impjegat bhala *Group Accountant* mas-socjeta` konvenuta permezz ta' kuntratt definit ghal tlett snin (Dok. CM1). Dan il-kuntratt kien b'effett mill-1 ta' Mejju 1996, u kellu jintemm fit-30 ta' April, 1999. Cio` nonostante, l-impjieg ta' l-attur gie terminat mill-istess socjeta` fit-30 ta' Settembru 1997, jigifieri, sena u nofs qabel id-data ta' l-iskadenza ta' l-imsemmi kuntratt. Fic-citazzjoni tieghu, l-attur jallega li din it-terminazzjoni saret minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u li ghaldaqstant kienet wahda ingusta u ghalhekk talab dak spettanti lilu bil-ligi, u cioe` hlas ta' nofs is-salarju ghaz-zmien rimanenti ta' l-istess kuntratt. Min-naha taghha, is-socjeta` konvenuta ddikjarat li kella ragunijiet tajba u gustifikabbli li wasluha sabiex titlef kull fiducja fl-attur, li kellu posizzjoni ta' responsabilita` fil-kumpanija, u li ghaldaqstant, dawn ir-ragunijiet wasluha sabiex tittermina dan l-impieg ta' l-attur. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talbiet ta' l-attur u fost konsiderazzjonijiet ohra kkonkludiet li:

"Il-Qorti jidrilha li l-attitudni mehuda mill-attur fil-konfronti tas-superjur dirett tieghu u anki ma' *Managers* ohrajn li suppost kellhom jikkordinaw ma' l-attur ma kienitx konducenti ghal 'good working relations' fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kienet gustifikata li tittermina l-impjieg ta' l-attur." (pg. 8 tas-sentenza)

8. L-appellant isemmi zewg aggravji, li fuqhom jibbaza s-sottomissjoni tieghu li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata. Huwa jishaq li minhabba l-fatt li s-socjeta` konvenuta allegat li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu saret ghal raguni tajba u sufficjenti, isegwi li kien jinkombi fuqha stess il-piz li taghmel prova sodisfacenti ta' dak li allegat. Skond l-appellant, is-socjeta` konvenuta naqset milli taghmel hekk billi ma ssodisfatx dan il-grad ta' prova u ghalhekk l-appellant sostna li l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet tieghu. Ulterjorment, l-appellant ilmenta ukoll dwar dak li huwa ddeskriva bhala l-apprezzament zbilancjat tal-provi li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti meta skartat ghal kollox u minghajr motivazzjoni provi determinanti u dokumentati li huwa kien ressaq u li, fil-fehma tieghu, kienu provi sorretti minn xiehda ta' persuni kredibbli ghaliex indipendenti mill-partijiet. L-appellant ilmenta li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet ibbazata pratikament ghal kollox fuq l-allegazzjonijiet ta' xhud wiehed li ressqet is-socjeta` konvenuta u li, skond l-appellant, dawn l-allegazzjonijiet ma kienux debitament korroborati. L-appellant ghamel riferenza ghal gurisprudenza tat-tribunali taghha u ghal certi principji tal-ligi industijali sabiex isostni l-appell tieghu. L-attur invoka l-Artikolu 34(14) tal-Kap. 135[1] u sostna li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu da parti tas-socjeta` konvenuta ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skond l-istess disposizzjoni tal-ligi. Ghalhekk

[1] **Art. 34(14)**: Hemm x'hemm fid-disposizzjonijiet ta' hawn qabel f'dan l-artikolu, principal jista' jibghat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-principal, minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jintbaghat jew jitlaq mis-servizz:

Izda principal ma jistax igib bhala raguni tajba u bizzejjed -

(*b*) hlief fil-kaz ta' impjegat domestiku privat, illi l-impjegat ma jgawdix izjed il-fiducja tal-principal;

enfasizza li favur tieghu kellhom jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 34(11) tal-istess Kap. 135, li jipprovdi hekk:

“Principal li jibghat ’l barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f’kuntratt ta’ servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem.”

Dan is-subartikolu ma japplikax, skond is-subartikolu (14) ta' l-istess artikolu fejn ikun hemm raguni valida u sufficjenti min-naha ta’ min ihaddem sabiex jittermina l-impieg ikkoncernat. L-appellant jsostni li abbazi tal-provi akkwiziti fil-process, is-socjeta` konvenuta ma rnexxilhiex tipprova tali raguni tajba u sufficjenti biex ittemm il-kuntratt ta’ impjieg tieghu, skond kif kien jinkombi lilha skond il-ligi. In effetti, l-appellant jaghti ragunijiet u jsemmi okkazzjonijiet sabiex isostni li hu dejjem qeda xoghlu korrettement.

9. Minn analizi tal-provi prodotti mill-kontendenti f'din il-kawza jirrizulta li din il-Qorti ghandha quddiema zewg versjonijiet konfliggenti. Min-naha wahda, l-appellant qieghed jghid li s-socjeta` konvenuta kienet ingusta mieghu meta tterminatlu l-impjieg tieghu, u min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta qed issostni li kellha raguni valida skond il-ligi biex taghmel dan. Bla ebda dubju, l-oneru tal-prova f’sitwazzjoni ta’ terminazzjoni ta’ impjieg definit fuq bazi ta’ raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi, tinkombi fuq min ihaddem. Din il-Qorti tikkondividi s-segwenti osservazzjoni maghmula mill-Onorabbli Prim’Awla fl-4 ta’ Marzu 2004 fis-sentenza **Simon Aquilina v. Avantech Limited**:

“Darba jirrizulta kuntratt ta’ impieg definit u li, bhala fatt, l-impieg tal-attur gie terminat qabel iz-zmien miftiehem, il-hlasijiet li tikkontempla l-ligi industrijali jridu jsiru, u dan sakemm l-employer ma jipprovax li kellu raguinijiet validi biex itemm l-impieg ta’ dak l-impjegat; l-oneru tal-prova ta’

kawza gusta ghat-terminazzjoni ta’ l-impieg hi, ghalhekk, mixhuta fuq min ihaddem."

10. L-ewwel Qorti rritenieti li l-problema principali li eventwalment waslet ghal-licenzjament ta' l-attur kienet ir-relazzjoni bierda u pjuttost difficli li zviluppat bejn l-attur appellant u l-Group Financial Controller, Ivan Faure. Dan ta' l-ahhar kien gie appuntat mis-socjeta` konvenuta circa sena qabel il-licezjament ta' l-istess appellant. L-istess Faure, in kontro-ezami a fol. 54, jghid hekk: *“Peress li l-kumpanija kbira hafna u difficli biex tmexxiha qsammnieha f’business units biex kull business unit ikollu l-accountant tieghu jew accountant controller tieghu biex ix-xoghol ikun izjed dedikat ghal dak il-business.”* Fil-fatt bil-kariga gdida li nghata l-attur permezz tal-kuntratt definit datat 30 ta’ April 1996, kienu zdiedulu ukoll certu responsabilitajiet, u ineffetti l-istess kuntratt jghid li ***“the Employee shall carry out those duties as indicated to him by the Group Financial Controller of the Company or whoever he delegates in his stead”*** (fol. 4). Skond Ivan Faure l-attur kien qieghed jonqos minn xogholu u mid-doveri tieghu. *Inter alia* Faure xehed hekk a fol. 54:

“Fuq co-ordination ma nistax nghid li kienet highly satisfactory kif qed jghid l-avukat ta' l-attur billi kien hemm min jigi jirreferi ghandi minflok ghand l-attur ghax kienu jghiduli li ma setghux jikkomunikaw sewwa ma' l-attur. Lanqas ma nista' nghid li l-accounts kienu accurate u l-production komplut. Kellna problema tal-VAT return u sfortunatament bhala public company kellna diskrepanzi mal-VAT returns. Peress li konna nahdmu kull quarter konna nimportawha kull quarter u kien hemm problema u kont nghidlu biex jidhol fiha u jirrikonciljaha u fl-ahhar kelli niehu hsiebha jiena u ghamilna reconciliation u kien hemm penali min-naha tal-VAT office. Jigifieri dan kien parti mill-coordination tal-kumpanija tal-accounting controls.”

Xhieda ohra moghtija tul il-kawza kienet dik ta’ Nicolette DiStefano, segretarja ta' l-imsemmi Group Financial Controller, li dwar l-attur xehdet hekk:

“Rigward dak li ghandu x’jaqsam max-xoghol kulhadd kien jaf li hu kien tajjeb f’dak li kien jaghmel u xejn ma kien jahrablu, imma kien ukoll maghruf ma' kulhadd li kien jahli hafna hin. Hu kien iqatta' zmien mhux hazin barra mill-ufficcju tieghu jparla ma' l-impjegati inkluz jien fuq diversi affarijiet anke dawk relatati mal-familja tieghu u mal-passatempi tieghu.” (fol. 49)

Persuna ohra li xehdet fil-kawza kien Arthur Muscat, bhala Human Resouces Manager tal-Kumpanija. F’din ix-xhieda a fol. 85 dan ix-xhud isostni li:

“Fil-kaz tas-Sur Mercieca l-complaints tas-Sur Faure kienu fondati... fis-sens illi jiena fil-posizzjoni ufficjali tieghi gejt konvint jiena ukoll illi s-Sur Mercieca ma kienx qieghed jaqdi d-doveri tieghu kif suppost..... jiena ukoll qbilt u tajt parir illi l-kumpanija abbazi ta’ telf fil-fiducja tas-Sur Mercieca u abbazi ta’ nuqqas ta’ kompetenza min-naha tieghu, l-kumpanija kellha biex nghid hekk evidenza bizzejjed li jekk jinhtiegilha tipprocedi u tittermina l-impieg tas-Sur Mercieca....”

11. Jidher car li s-socjeta` konvenuta bbazat il-licenzjament ta' l-attur appellant fuq il-motiv ta' nuqqas ta' kompetenza da parti ta' l-attur fir-twettiq tad-dover tieghu, bir-rizultat li l-istess socjeta` kienet tilfet il-fiducja fl-impjegat taghha. Jidher li r-relazzjoni bejn iz-zewg partijiet kompliet tiddegenera wara l-email, li tinsab a fol. 33, mibghuta mill-attur lil Arthur Muscat, Human Resources Manager tal-kumpanija. F’din l-email l-attur wera bla tlaqliq ta’ xejn kemm hassu urtat mill-fatt li s-socjeta` konvenuta ma approvatx ir-rikjesta tieghu biex jinghata sussidju sabiex jistudja ghal Masters degree (fol. 38). In effetti Ivan Faure bhala Group Financial Accountant kien irrisponda ghal din l-email permezz ta’ ittra datata 15 ta’ Lulju 1997, u f’din l-istess ittra Ivan Faure tenna ukoll hekk *“May I point out that as far as the Finance Unit is concerned your work performance and*

*contribution is certainly not up to standard, as I have had occassions to repeatedly point out to you”* (fol. 39). Kien ukoll sar meeting fl-24 ta’ Lulju 1997, bejn l-attur, Ivan Faure u Arthur Muscat dwar is-sitwazzjoni li kienet inholqot bejn il-partijiet, u konsegwentament l-istess Arthur Muscat, l-Human Resources Manager tal-Kumpanija, permezz ta’ ittra datata 25 ta’ Lulju 1997 issenjala sensiela ta' nuqqasijiet pjuttost sinfikanti da parti ta' l-appellant (fol. 43). Dan juri li s-socjeta` konvenuta, f’diversi opportunitajiet informat lill-attur, anke bil-miktub li ma kienx qieghed jaghti prestazjoni sodisfacenti fix-xoghol rikjest minnu. F'sitwazzjoni bhal din, certament kien jispetta lill-attur li jaghmel hiltu sabiex jerga' jirbah lura l-fiducja tal-kumpanija billi jaghmel dak kollu li hija kienet tistenna minnu. Izda l-attur, minflok ghamel dan, permezz ta' l-ittra datata 20 ta’ Awissu 1997 (fol. 44), irrisponda ghan-nuqqasijiet elenkati fl-ittra mibghuta lilu mill-Human Resources Manager billi qal biss li huwa hassu sorpriz bl-allegazzjonijiet msemmija, li hu dejjem wettaq id-doveri u l-obbligi tieghu u li kien sejjer jibqa' jaghti prova tal-lealta` tieghu lejn il-kumpanija.

12. L-appellant irritjena korrettement li ma kienx bizzejjed li s-socjeta` konvenuta tibbaza l-allegazzjonijiet taghha ta' terminazzjoni gusta ta' impjieg fuq li kienet ixxelfet u eventwalment intilfet il-fiducja li s-socjeta` kellha fih. Jirrizulta sodisfacentement li s-socjeta` konvenuta bbazat dan il-licenzjament <u>mhux biss</u> fuq nuqqas ta’ fiducja, izda wkoll fuq diversi ragunijiet “separati u distinti” li wasluha biex tittermina l-impjieg ta' l-attur. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant meta dan isostni li s-socjeta` konvenuta ma ppruvatx l-allegazzjonijiet taghha li wasluha sabiex tittermina l-impieg tieghu. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghall-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta l-appellant irrisponda biss bi skuzi debboli, bhal meta jsostni li qatt ma nghata “job description” u kif ukoll b’attakki personali kontra Ivan Faure. Dwar il-"*job description*" din il-Qorti tinnota li xhud ta' l-istess attur, John Muscat, ukoll ma kienx inghata "*job description*" mill-ewwel u fil-fatt dan ix-xhud stqarr li *“personalment nghid li l-"job description" tant kienet vasta li litteralment trid taghmel kollox.... ovvjament fil-kuntest li being such a big company kulhadd kellu l-*

*area tieghu"* (fol. 224). Irid jinghad li dan ix-xhud kellu kariga simili ghal dik ta' l-attur u meta mistoqsi jekk ix-xoghol kienx jirrikjedi li jirrikorri ghas-superjur dirett tieghu, Mr. Faure, ghax-xoghol ta' kuljum, dan l-istess xhud jirrispondi li ma kienx jahseb li dan kien necessarju ghax-xoghol ta' rutina u ta' kuljum peress li: *"ghandek l-area tieghek responsabbli minnha inti u tkun bniedem responsabbli u professjonali li tesegwixxi x-xoghlijiet..... Ahna ghalhekk imhallsin u ghalhekk ingorru certu scale u certu responsabilitajiet "* (fol. 228/229). Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant la jista' jghid li qatt ma inghata "*job description*" u wisq anqas jista' jappella li *"my duties have never been properly defined."* (Appell, fol. 10, para. 30). Bil-posizzjoni li kellu fil-kumpanija u bl-esperjenza li kellu wara hidma ghal disa' snin shah ma' l-istess kumpanija, din il-Qorti tinsab certa li l-appellant kellu kull opportunita` li jkun jaf ezattament x'tip ta' xoghol kien rikjest minnu mill-kumpanija. Ghalhekk, din il-Qorti taqbel essenzjalment ma dak li tghid l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li:

"Il-Qorti jidrilha li l-attur ma kienx qed jaghmel xoghlu mhux ghaliex ma kienx cert x'kienet il-'job description' tieghu jew ghaliex kien qed jigi izolat u mwarrab izda ghaliex ried johloq diffikultajiet fir-relazzjoni tieghu ma' Ivan Faure' li kien is-superjur dirett tieghu. Huwa kien qed jonqos mid-dover principali tieghu u cioe` dak li jikkordina ma' Ivan Faure' meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' assistent ta' l-istess Faure…..

"Il-Qorti jidrilha li l-attitudni mehuda mill-attur fil-konfronti tas-superjur dirett tieghu u anki ma' Managers ohrajn li suppost kellhom jikkordinaw ma' l-attur ma kienitx konducenti ghal 'good working relations' fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kienet gustifikata li tittermina l-impjieg ta' l-attur." (pagina 7/8 tas-sentenza)

13. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-attur appellant kien fdat b'pozizzjoni ta' responsabilita` fil-kumpanija u kif ukoll b'pozizzjoni ta' fiducja sew vis-à-vis id-dirigenti u kif ukoll fil-konfront ta' l-impjegati li kienu jaqghu direttament taht ir-responsabilita` tieghu. Dan qed

jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-kumpanija konvenuta kienet tistenna li l-appellant ikun kapaci jahdem sew bl-inizjattiva tieghu u kif ukoll id f'id mas-superjur tieghu Ivan Faure sabiex jintlahqu l-miri u r-rizultati rikjesti min-negozju ta' l-istess kumpanija. Fil-kawza **John Fauzza et. v. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici noe** deciza fit-28 ta' April 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet ikkunsidrat hekk:

"Tajjeb li jigi osservat dak kaptat minn gurisprudenza affermata, kompriz dik appena accennata, illi l-motiv tal-licenzjament irid ikun abitwali jew ta' certa gravita`. Kif jinghad a propozitu fid-decizjoni Paolino Caroll v. Vincenzo Zarb, Qorti tal-Kummerc, 6 ta' Gunju 1935. "l'insubordinazione del commesso puo` essere causa del suo immediate licenzjamento da parte del principale, se la stessa sia abituale o di natura grave."

Din il-gravita` tista' tirrizulta mill-fatt fih innifsu jew, inkella, kif illustrat ukoll minn gurisprudenza fuq il-principju, minn reiterazzjoni sistematika ta' fatti diversi. Jinsab rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet 'Emilio Colombo v. Carmelo Wismayer noe', Qorti tal-Kummerc, 26 ta' Settembru 1953, illi 'l-kawzali gustifikativi tal-licenzjament immedjat iridu normalment ikun gravi u ripetuti, u mhux biss okkazjonali jew kazwali; imma mhux eskluz li anke raguni gravi wahdenija, taht ic-cirkostanzi ta' certi kazi, anke mhux reiterata jew kazwali, tista' tigi kunsidrata gravi u gustifikativa ta' recess immedjat, nonstante li tkun timplika provvediment hekk qawwi u ahrax."

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti gustament ikkunsidrat li

"Fil-kaz odjern l-attur naqas manifestament milli jottjeni dak mistenni minnu. Is-superjuri tieghu kienu qed jistennew li huwa jikkordina u jikkollabora ma' Ivan Faure bhala l-assistent dirett tieghu izda huwa naqas milli jaghmel dan u gab l-iskuza li dan ta' l-ahhar ma kienx tah "job description" u kien qed iwarrbu u jizolah." (pagna 8 tas-sentenza)

14. Wara li hadet inkonsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti tirrileva li bhalma sewwa ssostni s-socjeta` konvenuta fir-risposta taghha ghal dan l-appell, iz-zewg aggravji ta' l-appellant huma strettament marbuta ma' l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi akkwiziti fil-process. Ta' min isemmi hawn li huwa principju assodat, li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax b'mod legger l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, sakemm tali apprezzament ma jkunx talment skorrett li, jekk jithalla fis-sehh, issir ingustizzja manifesta lil xi parti. Dan jinghad fid-dawl li l-ewwel Qorti normalment tkun f'pozizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti sabiex tevalwa u tgharbel il-provi li jkunu gew prodotti quddiemha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti essenzjalment ghamlet apprezzament gust u korrett tal-provi li hemm fil-process. Ghalhekk, mhux biss m'hemmx lok li din il-Qorti tiddisturba l-istess apprezzament, izda wkoll ma hemmx il-htiega li l-Qorti tkompli telabora fuq l-istess provi, la darba din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-konsiderazzjonijiet u mal-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju 2004.

15. Ghal motivi hawn fuq esposti, dan l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata *in toto*. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu ukoll mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------